MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1194/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Edel Mary Camilleri]**

**vs**

**Mohammed Ramadan**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mohammed Ramandan detentur tan-numru tal-immigrazzjoni 13X-021

Akkuzat talli:
Fl-1 ta’ Dicembru 2013, kif ukoll fil-granet ta’ wara u fix-xhur ta’ qabel, f’Malta, iffalsifika dokumenti jew kopji vera ta’ dokumenti jew registrazzjoni maghmula skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni. U dan bi ksur tal-Artikolu 32(1d) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u bi ksur tal-Artikoli 183, 184 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu;

Semghet is-sitwazzjoni xejn felici tal-imputat fejn huwa gej mis-Sirja u jghix mal-mara u zewg trabi li huma lkoll dipendenti fuqu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 32(1d) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 183, 184 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat Mohammed Ramandan hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kap. 9 tikkundannah seba’ (7) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------